



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

7970/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0094 (NLE)

WTO 74
SERVICES 23
COASI 91

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Kummerċ Fieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta'

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea,
tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn
l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ftehim ta' kummerċ ħieles (FTA) mal-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN). Dik l-awtorizzazzjoni pprevediet il-possibbiltà ta' negozjati bilaterali.
- (2) Fit-22 ta' Diċembru 2009, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tmexxi negozjati bilaterali dwar FTA ma' Stati Membri individwali tal-ASEAN, li jibdew b'Singapore, li kellhom isiru skont id-direttivi attwali ta' negozjar.
- (3) In-negozjati għal Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore (il-Ftehim) ġew konklużi, u l-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, soġġett għat-twettiq tal-proċeduri meħtieġa għal konklużjoni f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Singapore huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim^{1*}.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.
^{*} Delegazzjonijiet: Araw id-dokumenti ST 07972/2018 INIT, ST 07972/2018 ADD1, ST 07972/2018 ADD2, ST 07972/2018 ADD3, ST 07972/2018 ADD4 u ST 07972/2018 ADD5.